SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 4310

Ilum it-Tnejn, 26 ta' Lulju 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6, Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-laqgħa numru 4210 li saret nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ġunju 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### 1.1.1 *Triq il-Lellux*

Is-Sindku rrefera għal minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-ħofra li kien hemm fi Triq il-Lellux issa ġiet magħluqa.

### 1.1.2 *Skema Lokalitajiet Indaf*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.6 tal-laqgħa preċedenti u qamet diskussjoni dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill li jinvolvi r-residenti ta' tlett toroq partikolari f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel li jkun aħjar jekk minflok lir-residenti jinvolvi lis-sidien tal-ħwienet fis-*shopping centres*. Is-Sindku qal li l-għada kien ser ikollu laqgħa ma' Green Mt biex jaraw kif ser tiġi ndirizzata l-problema tal-kaxxi tal-kartun li ta' kuljum ikollhom is-sidien tal-ħwienet. Huwa qal ukoll li mal-Green Mt kien ser jitkellem ukoll dwar il-boroż il-griżi għar-residenti. Il-Kunsill qabel li jiżdiedu s-*seperation bins* fi Triq il-Klematis, Vjal l-Oleandri u fil-*parking* tal-Knisja.

Is-Sindku qal ukoll li bi ftehim mal-kuntrattur tal-Ġbir ta' Skart goff, nhar ta' ġimgħa ser jibda jsir il-ġbir ta' xi żabra tal-ġnien li wieħed jista' jkollu.

### 1.1.3 *Għajnuna lil Klabb tal-Boċċi*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.11 tal-laqgħa preċedenti u għall-ittra(ref:864/10/I) li bagħat is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Clyde Puli' fir-rigward tal-Klabb tal-Boċċi. Huwa qal li bl-emendi fil-liġi l-Kunsill jista' jgħin billi jtejjeb il-faċilitajiet sportivi. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba tal-kumitat tal-Klabb tal-Boċċi u jsir *fencing* madwar il-faċilitajiet li għandu dan il-Klabb.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-17 ta' Ġunju 2010 u l-24 ta' Lulju 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 906/10/O – Ministeru għar-Risorsi u affarijiet Rurali – Ġibjun f'Wied Garnaw
- 930/10/O – Twanny Barun – Kuntratt (BR) 57/09/03
- 979/10/O – Ministeru għar-Risorsi u Infrastruttura – Kostruzzjoni ta' Latrina Pubblika f'Santa Luċija

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 911/10/I – Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*
- 926/10/I – Kumitat Interdjoċesan – Ktieb dwar iż-żjara tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI
- 928/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 21/2010 – Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar
- 936/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 95/2010 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2010
- 955/10/I – Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport - Kunsill Lokali Żgħażagħ
- 974/10/I – AcrossLimits – *European Digital Library*
- 981/10/I – Fondazzjoni OASI – *Youth of the Year Award*
- 984/10/I – Ministeru għar-Risorsi u Affarijiet Rurali – Tindif tal-Ġibjun f'Wied Garnaw
- 987/10/I – Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita' – Premju Anzjan tas-Sena 2010

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- *Memo* SLLC 09/2010 – Kuntratt (BR) 57/09/03 – Servizz tal-*Bulky Refuse*
- *Memo* SLLC 10/2010 – Kappella ta’ Santa Luċija

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 911/10/I il-Kunsill qabel li jsir Kunċert tal-Milied fis-17 ta’ Diċembru 2010, għaldaqstant din l-informazzjoni għandha tintbagħt għall-attenzjoni tal-Malta Council for Culture and the Arts biex tidher fil-*Cultural Calendar*.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 926/10/I il-Kunsill qabel li jinxtara l-ktieb li ġie ppublikat mill-Kumitat Enterdjoċisan dwar iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 928/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għar-restawr tal-Kappella ta’ Santa Luċija ma ntagħżlitx biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta’ l-iskema ta’ finanzjament għar-restawr ta’ postijiet storiċi żgħar. Ir-raġuni li ngħata l-Kunsill kienet li din il-proposta ma kienetx tissodisfa l-kriterji selettivi stabbiliti għal din is-sena fuq din l-iskema.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 936/10/I il-Kunsill iddiskuta *memo* 95/2010 dwar skema ta’ inizjattivi ta’ attivitajiet 2010. Il-Kunsill qabel li japplika għal finanzjament taħt din l-iskema u jinkludi il-Kunċert tal-Milied, il-*pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira u serata mużikali f’Settembru 2010.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 955/10/I il-Kunsill qabel li joħroġ avviż immirat lejn ż-żgħażagħ dwar l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ.

**3.6** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 974/10/I il-Kunsill wera nteress li jiltaqa’ ma’ rappreżentanti ta’ kumpanija lokali dwar il-*European Digital Library*.

**3.7** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 981/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Fondazzjoni OASI qed tilqa’ nomini għal konkors ‘Iż-Żgħażugħ/a tas-Sena 2010’ skond il-kriterji annessi ma’ din il-korrispondenza.

**3.8** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 984/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li tlesta x-xogħol ta’ tindif tal-Ġibjun f’Wied Garnaw kif jidher tajjeb mir-ritratti li kienu annessi ma’ din il-korrispondenza.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 987/10/I il-Kunsill ġie nfurmat bl-inizjattiva "Premju Anzjan tas-Sena 2010" fejn il-Kunsill qed jintalab jinnomina persuni għal dan il-premju. Ġie nnutat li l-informazzjoni meħtieġa tinsab fl-istess applikazzjoni.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Kuntratt ta' Skart Goff*

Is-Sindku rrefera għal *memo* SLLC 09/2010 fejn il-Kunsill qabel li jittermina l-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Goff peress li l-Kuntrattur kien qiegħed repetutament jaġixxi b'mod irresponsabbli minkejja d-diversi twissijiet tal-Kunsill sew bil-miktub kif ukoll verbalment.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur li tefa' it-tieni l-aħjar offerta għal dan il-kuntratt ġie mitlub jagħti dan is-servizz biex ir-residenti jkunu moqdija. Il-Kunsill qabel ma' din id-deċiżjoni.

### 4.2 *Kostruzzjoni ta' Latrina Pubblika f'Santa Luċija*

Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni tal-latrina pubblika u nforma li kienu għaddejin taħdidiet mad-Dipartiment tax-xogħolijiet biex ix-xogħol ta' kostruzzjoni jsir mill-ħaddiema tal-Gvern, fejn il-Kunsill iħallas biss 20% tax-xogħolijiet tal-kostruzzjoni u l-ispiża kollha tal-materjal. Huwa qal li x-xogħol fuq dan il-proġett irid jitlesta sa l-aħħar ta' din is-sena.

### 4.3 *Parking Bays fi Triq l-Istefanotis*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-perit ser iħejji pjanta tal-*parking bays* fi Triq l-Istefanotis biex tintalab l-approvazzjoni ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport biex jkunu jistgħu jsiru dawn il-*parking bays*.

### 4.4 *Oħrajn*

- Ġie deċiż li għandha tintbagħt ittra lil-Awtorita' tad-Djar biex jitneħħa *stair lift* li hemm fi Blokk R, Bieb A fi Triq iċ-Ċinerarja peress li l-individwu li kien jagħmel użu minn dan l-i*stair lift* miet.

- Ġie deċiż li tintbagħt ittra lill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn isir rapport li fi Triq iċ-Ċinerarja, Blokk R, Bieb B hemm residenza li fiha jgħixu ħamest iklieb u residenza f' Bieb A ta' l-istess Blokk li għandhom tlett iklieb.

- Ġie deċiż li għandu jsir rapport lil tas-sanita dwar klieb li qed jinżammu fuq il-bejt ta' *Flats* Indipendenza li qed ikunu ta' nkonvenjent lir-residenti oħra f'dan il-Blokk.

### 4.5 *Applikazzjoni għal permess ta' żvilupp fi Triq iż-Żnuber*

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni tal-Mepa PA 03216/06 ta' resident minn Triq iż-Żnuber li tirrigwarda estenzjoni eżistenti mar-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ partikolari u nnota li dan il-bini ilu hekk snin twal. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan il-bini li llum miegħu hemm boganville sabiħa u li fid-dell tiegħu jiskennu mix-xemx in-nies li jkunu qed jistennew il-karozza tal-linja. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lil Mepa bil-kummenti tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni.

### 4.6 *Avviż ta' Safar*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser ikun imsiefer bejn it-3 u t-18 ta' Awissu. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li kienet ser tkun imsiefra bejn is-6 u 16 ta' Awwissu.

### 4.7 *Ħarġa għax-xahar ta' Awwissu*

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa għax-xahar ta' Awwissu.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3152 sa numru BOV3179 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2010 (CM43(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4210.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2010 Ammont *Gross* €5198.32

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | RC(57/10/01) | 2<br>Ġunju 10 | 2759.75 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | 16<br>Ġunju 10 | 1131.53 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | MLC/10/60306<br>Ġunju 10 | 491.35 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | 50072010<br>CM PABX | 62.15 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | 49072010<br>CM ES | 58.35 |
| Twanny Barun | BR(57/09/03) | 31/05/10<br>Mejju 10 | 90.00 |
| Twanny Barun | BR(57/09/03) | 30/06/10<br>Ġunju 10 | 192.60 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | 6352<br>Ġunju 10 | 2061.50 |

## 6. Twegiba għal *Management Letter*

Is-Sindku qara t-tweġiba tal-Kunsill għal *Management Letter* li ntbagħtet mill-Awdituri Grant Thornton wara li sar l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din it-tweġiba.

## *7.* Immaniġjar tat-Traffiku

Il-Kunsill iddiskuta proposta biex tiġi ntroddota sistema ta' *one-way* f'diversi toroq f'Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li din is-sistema kif proposta ser tindirizza l-problemi ta' nuqqas ta' sigurta fis-sistema preżenti. Għaldaqstant għandha tintalab l-approvazzjoni ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport sabiex tiġi implimentata din il-proposta. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn li jsir sinjal tat-traffiku "*no entry*" u "*no right turn*" f'Dawret it-Torri, fil-bidu tat-trejqa li tiġi minn Triq il-Prinjoli. Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb lil Awtorita' Dwar it-Trasport biex l-arblu li hemm f'Dawret it-Torri fil-ponta tat-*triangle* jitressaq lura biex il-vetturi, speċjalment il-karrozzi tal-linja, jkunu jistgħu jduru aħjar.

## 8. Xogħolijiet

### 8.1 *Tabelli tal-Lokalita'*

Is-Sindku rrefera għal *locality signs* li kien qabel dwarhom il-Kunsill u qal li l-kuntrattur qed isib diffikulta biex jagħmel l-*artwork* kif xtaq il-Kunsill, għaldaqstant biex jitħaffef il-proċess il-Kunsill qabel li dawn isiru standard bl-isem tal-Kunsill u l-emblema.

### 8.2 *Tindif f'Wied Garnaw*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal *extra service* mill-kuntrattur Ronald Bezzina għal xogħol ta' tindif f'Wied Garnaw. Dan ix-xogħol jinkludi qtugħ ta' ħaxix u ġbir, tneħħija ta' ġebel u terrapin bil-gaffa u tneħħija ta' żabra ta' siġar għas-somma ta' €655.

### 8.3 *Tindif madwar is-sit arkeoloġiku*

Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn ta' tindif ta' l-*area* madwar is-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux. Huwa semma wkoll is-siġra tat-tin li ħierġa għal fuq il-bankina f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li kien kellem lis-sid tad-dar fejn hemm din is-siġra u qallu li ser jieħu ħsiebha.

### 8.4 *Triq Tursin il-Bir*

Il-Kunsillier Bonello ppropona li jsiru *hatching lines* quddiem Blokk A, Bieb A u B fi Triq Tursin il-Bir. Huwa qal ukoll li hemm bżonn li f'din l-*area* titwaħħal *bollard*.

**8.5** ***Parking Bays fi Triq Dun M. Mifsud***

Il-Kunsill laqa' talba ta' resident biex fi Triq Dun M. Mifsud isiru l-*parking lines*.

**8.6** ***Tindif u manutenzjoni ta' gutter fi Triq il-Prinjoli***

Il-Kunsill qabel li ssir manutenzjoni u tindif tal-*gutter* li hemm fi Triq il-Prinjoli peress li hemm xi kaptelli li qegħdin perikolużi u għandhom bżonn jinbidlu.

**9. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' Awwissu 2010 fis-1.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum <u>il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu 2010</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**